MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 251/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Karsten Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-6 t'April, 2009 ghall-habta tat-8.10 hrs, f'Tal-Balal Road, Naxxar :
1. saq il-vettura numru CBO429 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);
2. ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 3 tal-Kap. 104, 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65

u regolament 1 tal-L.N. 476/2004, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi w ikkundannatu €2333 multa w oltre dan ordnat l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.
A tenur tal-artikolu 14(2) tal-Kap. 9, il-Qorti akkordat zmien lill-appellant sabiex ihallas din l-istess multa f'rati mensili w konsekuttivi ta' €80.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija, alternattivament, tirriforma, tvarja w tbiddel is-sentenza appellata w dan billi tikkonferma dawk il-partijiet tas-sentenza appellata fil-parti fejn issib lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha l-appellant gie kkundannat multa ghall-ammont ta' €2329.37 u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena, w konsegwentement tibdel il-piena nflitta ghal wahda aktar lievi w dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa w opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu :-
1. filli l-akkuza l-aktar gravi kif formulata (a terminu tal-artikolu 3(1) tal-Kap. 104) hija dik ta' natura ta' delitt u mhux kontravenzjonali, meta f'din id-distinzjoni huwa principju assodat fil-prattiks tal-ligi kriminali li fid-delitti l-*actus non fecit reus nisi mens sit rea.* Mix-xhieda mismugha johrog car li l-appellant b'ebda mod ma kiser il-ligi volontarjament. Din hija sitwazzjoni fattwali fejn ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' konoxxenza, tal-istat ta' illegalita' tal-vettura bl-uzu taghha fit-triq, tant li kien fil-mument li twaqqaf mill-Ufficjali tal-ADT li rrizultalu li din il-vettura lanqas biss ma kienet registrata fuq l-imghallem, u lanqas ma kienet assikurata jew licenzjata biex tintuza fit-triq.
2. filli s-sub artikolu (1B) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 jaghmel eccezzjoni ghal prezunzjoni naxxenti minn diversi

decizjonijiet tal-Qrati taghna dwar il-kliem ta' din id-dispozizzjoni, liema eccezzjoni legali, l-Ewwel Qorti injorat meta fil-kors tax-xhieda prodotta mill-istess prosekuzzjoni jirrizultaw fatti li jissodisfaw il-kriterji mposti mill-ligi w cioe' li r-reat kien sehh ad insaputa tal-appellant b'mod li lanqas qatt ma seta' jkun f'posizzjoni li jezercita' xi forma ta' diligenza fil-kaz odjern billi fil-mument tal-ingagg tieghu ma kien hemm xejn x'seta' jindika xi llegalita'.

3. filli l-appellant jissottometti li l-piena nflitta, ghalkemm hija dik fil-minimu prekritta fl-artikolu 3 tal-Kap. 104, fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari, kif jirrizultaw mix-xhieda, kien hemm ir-ragunijiet kollha a tenur tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li permezz tieghu l-Ewwel Qorti kellha tinzel taht il-minimu preskritt mill-ligi w tinfliggi piena aktar giusta tenut kont tac-cirkostanzi kollha kif migjuba quddiemha.

Rat illi fis-seduta tal-lum l-appellant irtira l-ewwel zewg aggravji tieghu w illimita l-appell tieghu ghall-piena mertu tat-tielet aggravju.

Semghet ix-xhieda ta' Stephen Cachia, Albert Sammut u EO6 Raymond Agius u minn dawn l-ahhar zewg xiehda rrizulta illi l-appellant kien ghadu kif gie impjegat dakinhar filghodu stess u gie mqabbad mill-employer tieghu certu Charles Drago biex isuq il-karozza in kwistjoni.

Rat il-verbal li bih il-prosekutur iddikjara li ma joggezjonax ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21 f'dan il-kaz stante c-cirkostanzi specjali w straordinarju tieghu.

Ikkonsidrat

Il-Qorti jidhrilha illi rrizultalha abbundantement illi l-appellant, li huwa ta' eta' zghira ferm u ta' kondotta incensurata, kien gie tradut mill-employer tieghu, li kien beda jahdem mieghu dakinhar stess, xi nofs siegha qabel, meta gie mgieghel isuq karozza li ma kienitx assigurata w lanqas licenzjata.

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, kif anki lejalment, ivverbalizza l-prosekutur, jezistu cirkostanzi specjali w

straordinarji li jimmilitaw favur applikazzjoni ta’ piena inqas mill-minimu preskritt tassattivament mill-ligi fil-Kap. 104 u fil-Kap. 65.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal multa ta’ €2333 pagabbli bir-rata ta’ €80 fix-xahar u fejn ordnat l-iskwalifika tieghu w il-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena w minflok tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------